MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Numru 324/2002

**Il-Pulizija**

**Spettur Paul Vassallo**

**V**

**PATRICK SPITERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PATRICK SPITERI** bin Joseph u Maria nee Borg, imwieled H'Attard nhar s-sitta w ghoxrin ta' Dicembru 1964 u residenti 'Casa San Anton', Telgha tal-Wardija, Wardija, detentur tal-karta tal-identita numru 43465M, gie imressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-wiehed u ghoxrin ta' Ottubru 2001 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra somma ta' aktar minn hames mitt lira u cioe is-somma globali ta' hamsin miljun

Lira Taljana [LIT 50,000,000] ekwivalenti ghal 'l fuq minn tnax il-elf lira maltin [LM 12,000], (senjatament fi tlett okkazzjonijiet, is-somom ta' hamsa w ghoxrin miljun Lira Taljana [LIT 25,000,000], tlett miljun Lira Taljana [LIT 3,000,000] u tmintax il-miljun Lira Taljana [LIT 18,000,000] ghad-detriment ta' Carmelo Rollo, liema somma kienet giet fdata jew ikkunsinata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amminstrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir minnha uzu specifikat;

2. talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex jqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn hames mitt lira u cioe is-somma globali ta' hamsin miljun Lira Taljana [LIT 50,000,000] ekwivalenti ghal 'l fuq minn tnax il-elf lira maltin [LM 12,000], ghad-detriment ta' Carmelo Rollo.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tletin ta' Gunju 2003 esebit fl-atti a fol 221 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lil imputat jiddikjara li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2003.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni, lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju u lix-xhud tad-Difiza Dottor Philip Manduca.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta t-tnax ta' Novembru 2003.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar t-tnejn ta' Mejju 2002 xehed l-Ispettur Paul Vassallo** fejn spjiega li f'Novembru 2001, huwa kien ircieva kwerela minghand Dottor Adrian Borg Cardona bhala l-avukat ta' certa persuna ta' nazzjonalita Taljana, certu Carmelo Rollo minn Ragusa, Sqallija, fejn gie allegat li l-imputat misapproprja u ddefroda il-patrocinat tieghu Carmelo Rollo.

L-Ispettur Paul Vassallo kompla jispjiega li huwa baghat ghal dan Carmelo Rollo u qallu li huwa kien ghadda somma flus lil imputat sabiex jghaddihom lil xi kumpanija fl-ex Yugoslavja li allegatament kienet qed tibnilu dghajsa.

Huwa spjiega li Carmelo Rollo qallu li kien ha *brief* minghand l-imptuat sabiex jirregistralu kumpanija hawn Malta pero ghal liema kumpanija kien qed jirreferi l-Ispettur ma kienx jaf.

L-Ispettur Paul Vassallo kkonferma li l-imputat ghamel registrazzjoni temporanja ta' dghajsa bl-isem My Lulu taht il-kumpanija M Shipping Limited u fil-fatt kien inhareg certifikat ta' temporary registration.

L-Ispettur Paul Vassallo kompla jixhed li hu kien staqsa lil imptuat dwar din id-dghajsa u minnufih kien wiegbu li huwa kien irregistra b'mod temporanju d-dghajsa Sunseeker ta' sitta w tletin pied imsejha My Lulu taht il-kumpanija M Shipping Limited ghall-imputat pero ma setghetx tohrog certificate of permanent registration peress li kien ghadu qed jistenna xi dokumentazzjoni minghand Carmelo Rollo dwar d-dghajsa in kwistjoni.

Carmelo Rollo insista mal-Ispettur Paul Vassallo li l-flus taghhomlu dwar ix-xiri ta' dghajsa mill-ex Yogoslavia filwaqt li l-imputat insista mieghu li l-flejjes gew effettivament mghoddija lilu in konnessjoni mar-registrazzjoni tad-dghajsa My Lulu u dan ghaliex jkollu jinkorri spejjes qawwijin.

Meta l-Ispettur Paul Vassallo gie mistoqsi jekk ghamiltx verifiki dwar id-dokumentazzjoni li tah Carmelo Rollo dwar

l-allegata dghajsa, li kienet suppost qed tinbena, l-Ispettur Vassallo wiegeb fin-negattiv u fil-fatt kien ghadu wkoll qed jinvestiga l-provenjenza tad-dghajsa li kellha tkun tal-ghamla Bavaria u li effettivament kellha tingieb Malta biex tintuza ghal xoghol ta' chartering minn Carmelo Rollo.

**L-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Paul Vassallo reggha xehed nhar s-sitta ta' Mejju 2002** u fuq domandi tad-Difiza stqarr li huwa kien sema bl-isem Mecholom Levy u dan in konnessjoni bhal li kien s-sid originali tad-dghajsa li kien xtara Carmelo Rollo dak iz-zmien maghrufa bl-isem Alpa One u li wara giet registrata bl-isem My Lulu.

Ikkonferma wkoll li sa fejn irrizultalu hu, din id-dghajsa Alpa One inbieghet minn Mecholom Levy ghal certu Mr. Biondo u sussegwentement allegatament lil Carmelo Rollo. Mistoqsi kienx jaf bil-proceduri civili li kienu ghaddejjin fuq din id-dghajsa, l-Ispettur Paul Vassallo wiegeb fin-negattiv.

**Fit-tlettax ta' ta' Gunju 2002 xehed Peter Buhagiar** li jokkupa l-kariga ta' Assistant Registrar mal-Malta Maritime Authority. Mistoqsi f'isem minn hi registrata d-dghajsa My Lulu, ix-xhud wiegeb li kienet registrata f'isem is-socjeta M Shipping Limited u ghandha n-numru ufficjali 4419. Huwa spjiega li r-registrazzjoni in kwistjoni kienet wahda provizorja fis-sens li l-ownership ta' din id-dghajsa ma kienx gie ppruvat sal-grad rikjest mill-Mercantile Shipping Act u ghalhekk il-full registration kienet ghadha ma hargitx. Hu fil-fatt esibixxa d-dokument NA 1 li jinsab a fol 125 tal-atti odjerni, biex jissustanzja x-xhieda tieghu. Huwa kkkonferma li kellu bzonn jew d-deletion certificate mir-registru ta' Belize fejn allegatament kienet registrata qabel jew il-proof of ownership liema zewg dokumenti ma kellux.

**Carmelo Rollo xehed nhar s-sitta ta' Mejju 2002** fejn spjiega li huwa kien tkellem ma l-imputat fuq x-xiri tad-dghajsa tat-tip Bavaria minghand socjeta TTJ ta' Slovenja u li kien diga ghamel pagament dwarha mill-Italja. Huwa kien sahansitra iltaqa mal-imputat Ruma f'lukanda luzzuza. Huwa qal li beda jaghmel pagament dwar x-xiri

ta' din id-dghajsa li kellha tiswa mija sebgha w ghoxrin elf Euro. Minn din is-somma allegatament kien diga hallas hamsa w hamsin elf Euro lis-socjeta TTJ. Huwa stqarr li l-bilanc ta' sitta w sebghin elf Euro kellu jhallashom f'pagamenti imqassma fuq perjodu ta' erbgha xhur. Huwa fil-fatt kkonferma li f'Gunju 2001 kien ta lil imputat is-somma ta' hamsa w ghoxrin miljun Liri Taljani biex l-imputat jghaddihom lis-socjeta TTJ akkont tad-dghajsa.

Fl-istess xhieda pero jghid li dakinhar tas-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2001, meta effettivament ghadda s-somma indikata fid-dokument CS esibit fl-atti a fol 58, huwa tkellem mal-imputat fuq d-dghajsa My Lulu. Huwa sussegwentement wasal Malta f'Lulju 2001 bid-dghajsa My Lulu.

Fit-tmintax ta' Lulju 2002, ikkonferma li tah is-somma ta' tlett miljun Liri Taljani ghal darb'ohra biex isir pagament fuq d-dghajsa Bavaria ghan-nom tieghu u tah is-somma ta' tmintax il-miljun Liri Taljana nhar l-ghoxrin ta' Awissu 2001. L-imputat dejjem tah r-ricevuta relattiva ghal tali hlas. Carmelo Rollo esibixxa d-dokumentazzjoni dwar din l-allegata dghajsa Bavaria li tinsab inserita fl-atti a fol 62 markata bhala dokument CS 4.
F'isem is-socjeta Global Marine Limited huwa kkonferma li aktar tard kien ircieva dokumentazzjoni mis-soecjta estera fejn gie nfurmat li l-imputat ma kienx hallas il-bilanc dovut u b'hekk d-dghajsa giet moghtija lil xi klijent iehor.

Mistoqsi x'ghamel bid-dokumentazzjoni tad-dghajsa My Lulu li kien gab Malta, Carmelo Rollo wiegeb li kien ghaddihom lil imputat. Carmelo Rollo ammetta wkoll li l-imputat ghamillu xi xoghol in konnessjoni mar-registrazzjoni tad-dghajsa My Lulu f'isem il-kumpanija M Shipping Limited. Esibixxa tlett ricevuti ta' flejjes li gew mghoddija lil imputat, u cioe wahda fl-ammont ta' hamsa w ghoxrin miljun Liri Taljani li hija mmarkata bhala dokument CS, wahda fl-ammont ta' tlett miljun Liri Taljana li hija mmarkata bhala dokument CS 2 u ohra fl-ammont ta' tmintax il-miljun Liri Taljana li hija mmarkata bhala dokument CS 3 fl-atti odjerni.

Carmelo Rollo reggha xehed nhar t-tlettax ta' Gunju 2002 u meta gie mistoqsi jekk kienx gie mressaq il-Qorti l-Italja fuq diversi reati fosthom frodi, truffi, serq, forgery, pussess ta' spluzzivi, huwa deher perpless u ghalkemm ammetta li kien gie processat f'xi kawza zmien ilu, pprova jiggustifika l-akkuzi l-ohra u jaghti spjiegazzjoni ghar-reati li gie affrontat bihom.

Illi wara din s-seduta Carmelo Rollo gheb u ma regghax deher il-Qorti biex jixhed ghalkemm l-Avukat Generali talab li jerga jitharrek biex jixhed b'diversi rinviji.

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk il-Qorti hija rinfaccata b'zewg versjonijiet ta' fatti u cioe dik esposta minn Carmelo Rollo li jghid li huwa ta somma flus lil imputat sabiex jaghmel depositu fuq dghajsa li kien qed jixtri minn socjeta TTJ li taghmel d-dghajjes tal-ghamla Bavaria fl-ex Yugoslavia u dik esposta mill-imputat li jghid li Carmelo Rollo verament hallsu diversi flejjes ghas-servizzi professjonali li huwa tah tul medda ta' zmien kif spjiegat minnu waqt ix-xhieda tieghu li huwa ta l-Qorti nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Ottubru 2003.

Illi l-Qorti thoss li dan mhux kaz ta' xhieda konfliggenti u ghalhekk ghandha tillibera stante li kull dubbju ghandu jmur a beneficcju tal-imputat ghaliex kif gie deciz mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-dsatax ta' Mejju 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar prova sabiex tikkonvinci lil Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penali - Vol III - Kap IV - pg. 234 - Ediz. 1890***:

*"Il cosi detto onero della prova, cioe il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui asserit"*

Ta min jfakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzjoni hu dak l-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha u bl-applikazzjoni tal-boun sens tieghu ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-***Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar l-hamsa ta' Dicembru 1999*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer** li ccitat b'approvazzjoni l-ispjiegazzjoni moghtija minn ***Lord Denning*** fil-kaz **Miller v Minister of Pensions [1974] 2 AU E.R. 372** tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*."

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal artikolu 638(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe:

*"The testimony of one witness if believed by those who have to judge the facts shall be sufficient to constitute proof thereof, in as full and ample a manner as if the fact had been proved by two or more witnesses."*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn ***din il-Qorti*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Anthony Bonavia** ***nhar t-tmintax ta' Lulju 2002 kif konfermata fl-Appell nhar s-sitta ta' Novembru 2002*** li jekk xhud wiehed biss huwa emnut dik taghmel prova shiha u kompluta minn kollox u dan hu bizzejjed biex tigi ppruvata l-htija tal-persuna

akkuzata b'reat u ma hemmx bzonn ta' xi korroborazzjoni ulterjuri minn provi diretti jew indiretti.

Is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Borg** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Jannar 1998*** tmur oltre u tghid li huwa veru wkoll li xhud tista temnu fis-sens li taccetta u tistrieh fuq dak li jkun qal f'kollox jew f'parti biss mid-deposizzjoni tieghu, jew ma temmnu f'xejn.

Ma hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies tal-imgieba, kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fattizi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm vantaggjata ghal Qrati ohra meta tigi sabiex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija tkun ghexet l-process tul meda ta' zmien u ghalhekk hija f'posizzjoni, wara li semghet ix-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha u ezaminat l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li kienet hi stess li kkonstatat x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le. [vide ghal dan l-ghan **Il-Pulizija v Leone Dimech** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Frar 1999***; **Il-Pulizija v Sandro Mifsud** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Frar 1999***.]

Din il-Qorti trid taghmel l-ezercizzju taghha skond il-ligi billi taghmel apprezzament taghha tal-provi kif migbura u traskritti fl-atti u dan sabiex tara jekk dak li qed jilmenta minnu Carmelo Rollo huwiex minnu jew le. L-apprezzament tal-fatti isir b'mod korrett meta jigu mehuda in konsiderazzjoni il-provi u c-cirkostanzi kollha fl-assjem taghhom u mhux b'mod individwali u spezzettat.

Il-konkluzzjonijiet u decizjoni li tasal ghalihom il-Qorti ghandhom ikunu dejjem milqugha wara li dik il-Qorti tkun

ikkonsidrat l-fatti w ic-cirkostanzi kollha relevanti ghal kaz u huwa biss wara li tkun ghamlet hekk u wara li tkun esponiet l-ligi rigwardanti jekk ikun il-kaz, li dik il-Qorti tghaddi sabiex tikkonkludi in bazi t'apprezzament ta' fatti u provo maghmul b'mod komplut u shih. [vide **Il-Pulizija v Vincent Debono** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnax ta' Frar 1999***.]

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti thoss li ghandha tezamina fid-dettal ix-xhieda li ta viva voce l-Qorti l-imputat minn jeddu u b'mod voluntarju nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Ottubru 2003.

L-imputat stqarr li huwa gie ntrodott ma Carmelo Rollo tramite l-Prokuratur Legali Bella Hili fis-sena 2000 u dan waqt li hija keinet qed taghmel xi xoghol ghalih f'isem is-socjeta Zimmerman House Project Limited.

Fix-xahar ta' Jannar 2001, l-Prokuratur Legali Bella Hili ma baqghetx tahdem mas-socjeta Zimmerman House Project ghalkemm baqghet taghmel xi xoghol ghalihom u kienet ftehmet mal-imputat li hija kellha tkompli taghmel xi xoghol ghal Carmelo Rollo u kellha tigbor l-flus dovuti minnu tas-socjeta fl-ammont ta' elf sitta w tletin lira maltin u hamsa w sebghin centezmu. Dan id-debitu dovut minn Carmelo Rollo kien registrat f'isem Global Marine Shipping Limited li kienet kumpanija li giet registrata hawn Malta f'Jannar 2001 mill-Prokuratur Legali Bella Hili waqt li kienu ghadhom registrati mal-ufficju Zimmerman House Project Limited.

Carmelo Rollo kien d-direttur taghha kif jirrizulta mill-Memorandum and Articles of Association ta' din s-socjeta C 27547 esibit fl-atti markat bhala dokument MFSC a fol 84.

Gara li f'Mejju jew Gunju 2001, Carmelo Rollo ghamel kuntatt mieghu u qallu li xtaq jkompli jahdem bl-ufficju tieghu u qallu li xtaq jirregistra dghajsa tal-ghamla Sunseeker li kellu jimporta mill-Italja. Specjalment li xtaq li jkun hemm skrittura separata u distinta mis-socjeta Global Marine Shipping Limited.

Huma ltaqghu fis-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2001 f'Ruma u Carmelo Rollo tah s-somma ta' hamsa w ghoxrin miljun Liri Taljani, cirka hamest elef lira maltin sabiex l-imputat jipprocedi bir-registrazzjoni tad-dghajsa Sunseeker. Huwa offrielu kumpanija li diga kellu regisrata nhar l-hmistax ta' Gunju 2001 u cioe M Shipping Limited bin-numru ta' registrazzjoni C 28323 u li taghha kien direttur.

Mistoqsi mill-Qorti x'kien ser jkopru dawn il-flejjes li tah b'referenza ghar-ricevuti, [dokument CS a fol 58] l-imputat wiegeb li kienu ser jkopru in kwantu ghal elf sitta w tletin lira maltin u hamsa w sebghin centezmu dovuti ilu bhala bilanc ta' flus inqas minn erbat elef u erbgha mitt lira ser jkopru spejjes ohra kif elenkati fid-dokument PS 1.

Fis-sitta ta' Lulju 2001, huwa rregistra b'mod temporanju il-boat My Lulu mal-Malta Maritime Authority.

Fit-tmintax ta' Lulju 2001 reggha ltaqgha ma Carmelo Rollo u tah tlett miljun Lira Taljan ohra u tah wkoll ricevuta li tinsab esibita a fol 60 tal-atti odjerni markata bhala dokument CS 2, peress li l-bilanc mill-hamest elef li kien tah fis-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2002 kien baxx u cioe fl-ammont ta' elf tlett mija tmienja w erbghin lira u hamsa w ghoxrin centezmu bhala akkont, u b'hekk sat-tmintax ta' Lulju 2001 huwa kellu l-ammont ta' elf disgha mija tmienja w erbghin lira u hamsa w ghoxrin centezmu ta' Carmelo Rollo. Matul dan z-zmien Carmelo Rollo kien Malta u l-imputat ghamillu diversi xoghlijiet inkluz kuntratti ta' chartering. Fl-erbgha ta' Awissu 2001 l-imputat gie moghti sitt miljun Lira Taljana ohra li jikkonvertu ghal cirka erbgha mija hamsa w tletin lira maltin. B'hekk il-bilanc kien telgha ghal elfejn tlett mija tlieta w tmenin lira malitn u hamsa w ghoxrin centezmu. Carmelo Rollo li mbaghad kien mar lura l-Italja, kien talbu jaghmel ghan-nom tieghu l-ahhar pagament dovut fuq is-Sunseeker li kienet diga waslet Malta. L-imputat qallu biex jibghatlu d-dokumentazzjoni kollha sabiex r-registrazzjoni tad-dghajsa Sunseeker My Lulu jigi mibdul minn temporanju ghal permanenti w in effetti ghaddielu d-dokumentazzjoni markata bhala dokument PS 2.

Minn ezami ta' din d-dokumentazzjoni jirrizulta li allegatament d-dghajsa My Lulu kienet imsejjha Alpa One. Meta l-imputat gie mistoqsi mill-Qorti jekk Carmelo Rollo ghaddilux xi dokumentazzjoni ohra dwar din id-dghajsa, l-imputat wiegeb fin-negattiv.

Huwa spjiega li kellu suspett serju dwar din d-dokumentazzjoni u ghalhekk ghamel kuntatt mal-Avukat Schiano, kif indikat fid-dokument PS 2 w irrizulta li dan ma kien jaf b'xejn u li kellu jaghmel kuntratt ma Signor Mecholom Levy. Huwa ghamel kuntratt ma dan Mecholom Levy w irrizulta li l-bejgh ma kienx komplut. Huwa kompla jispjiega li nhar l-ghoxrin ta' Awissu 2003 wasal Malta Giuseppe Mezza salme bis-somma ta' tmintax il-miljun Liri Taljana cash moghtija lilu minn Carmelo Rollo sabiex isir l-ahhar pagament fuq id-dghajsa pero peress li l-imputat ma kienx jafu, huwa m'accettax din is-somma flus li rrifondilu kif jirrizulta mid-dokument PS 3, liema cekk fl-ammont ta' tlett elef sebgha mija sitta w hamsin lira jirrappresentaw it-tmintax il-miljun Lira Taljana li kienu gew mhollija fl-ufficju tieghu waqt li kien imsiefer gew imsarrfa.

Wara dan l-imputat infurmah li ma kienx lest jkompli b'dan x-xoghol jekk ma jghaddilux d-dokumentazzjoni vera u fin-nuqqas kien lest li jghaddilu l-flus li kellu ghandu basta pero jaghtih imdemnity sabiex jippresentah ghand l-Awtorita Marittima.

L-imputat spjiega wkoll li kien ghamel kuntatt mieghu Dottor Philip Manduca ghan-nom tal-klijent tieghu Alain Mecholom fejn qallu li Alain Mecholom xtaq jirrixxindi il-kuntratt ta' bejgh tad-dghajsa Alpa One maghrufa Malta bl-isem ta' My Lulu, peress li Carmelo Rollo ma kienx hallsu.

Illi l-Qorti tirrileva li x-xhieda tal-imputat hija korroborata mix-xhieda ta' Dottor Philip Manduca kif wkoll minn dik tal-Prosekuzzjoni.

Illi nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Ottubru 2003, **xehed Dottor Philip Manduca** li kkonferma li huwa kien ghamel kuntatt mal-imputat u qal li kien ippresenta mandat ta' qbid fuq d-dghajsa My Lulu ghan-nom tal-patrocinat tieghu Alain Mecholom u kawza civili li effettivament giet deciza favur il-klijent tieghu fis-sebgha ta' Novembru 2002 u li kopja taghha tinsab fl-atti markata bhala dokument CP u li minnha ma sax appell.

Mistoqsi x'kien l-ftehim bejnu u bejn l-imputat jghid li ma jiftakarx ghalkemm jghid li kien fis-sens li xtaq li Carmelo Rollo jasal fi ftehim ma Alain Mecholom biex jiehu lura d-dghajsa My Lulu.

Ir-rapprezentant tal-Malta Maritime Authority, **Peter Buhagiar kkonferma** li d-dghajsa My Lulu ghadha registrata mal-Malta Maritime Authority temporanjament f'isem is-socjeta M Shipping Limited u li kien qed jistenna dokumentazzjoni ohra minghand l-imputat liema dokumentazzjoni qatt ma waslet.

Il-**Prokuratur Legali Bella Hili** prodotta mill-Prosekuzzjoni **tikkonferma** fix-xhieda taghha tas-sitta ta' Mejju 2002 li hu veru li waqfet l-impjieg taghha ma Zimmerman House f'nofs Jannar 2001, ghalkemm kienet baqghet taghmel xi xoghol ghal imputat u li kienet effettivament ghamlet r-registrazzjoni provizorja tad-dghajsa My Lulu f'isem il-kumpanija M Shipping Limited.

Ikkonfermat wkoll li Carmelo Rollo kienet tafu ghaliex kien klijent fl-ufficju tal-imputat u li qabel ir-registrazzjoni tad-dghajsa My Lulu kienet irregistrata kumpanija ghalih bl-isem Global Marine Shipping Limited. Ikkonfermat wkoll li l-imputat xtaq xi imdemnity minghand Carmelo Rollo sabiex jaghtih lura s-socjeta M Shipping Limited.

Illi hawnhekk il-Qorti tidhol wkoll fir-relm tax-xhieda u provi cirkostanzjali. Issa f'dan il-kaz il-provi jew indizzji cirkostanzjali wkoll ma jorbtux lil akkuzat mar-reati addebtiati lilu li jwasslu mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li hemm dubbju serju jekk verament ghamilx

dak li gie akkuzat bih. Zgur li tali provi ma kienux inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.

Il-prova cirkostanzjali trid twasslek ghal prova univoka u cioe l-unika interpretazzjoni ta' dik il-prova cirkostanzjali hija wahda u wahda biss u meta tali prova tkun ekwivoka, din il-prova ma jkollha ebda prova legali.

Fil-fatt il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha fl-ismijiet Il-Pulizija v Gino Zammit deciza nhar s-sitta ta' April 2000, fejn iccitat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v David Gatt, deciza nhar s-sbatax ta' Gunju 1998 dwar provi cirkostanzjali:

"*Provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jorbtu ma xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni.*"

Issa, f'dan l-kaz il-Qorti thoss li x-xhieda cirkostanzjali flimkien max-xhieda tal-imputat jwasslu fl-istess direzzjoni u cioe ghal liberazzjoni tieghu.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 18, 293, 294, 308, 309, 310, 31, 20, 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Tiddikjara li ma ssibx lil imputat PATRICK SPITERI hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u fl-istess hin tordna lil Pulizija Ezekuttiva tinvestiga lil Carmelo Rollo dwar r-rapport li ghamel.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------